MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Numru. 351/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Michael Mifsud ta' 25 sena iben Francis u Maria Dolores nee' Curmi, imwieled fil-Pieta' fis-6 ta' Dicembru 1985, detentur tal-karta ta'l-identita' Maltija bin-numru 12286(M) u prezentement residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Mifsud akkuzat:

a) Talli f'Haz-Zabbar fl-1 t'Ottubru 2005, ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar ikkommetta serq ta' somma ta' flus mill-Isptar St. James sitwat f'Misrah San Gakbu f'Haz-

Zabbar u, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz , bil-hin u bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u erbgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment tad-diretturi tal-istess Sptar, Dr. Josie Muscat, Jean Claude Muscat u/jew persuni ohra;

b) U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew ssekwestra lil Lara Maria Cassar u lil Frankie Pace;

c) U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.;

d) U aktar talli fl-istess data, f'dawn il-Gzejjer, garr arma tan-nar u cioe` pistola minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

e) U aktar talli fis-7 ta' Settembru 2005, f'Haz-Zabbar, ikkommetta serq ta' mutur tal-marka Honda C70 bin-numru ta' "chassis" C70-6255430 li kieent ipparkjata fi Triq Zabrella, liema serq huwa ikwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruq u bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro us ebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta' Anthony Grima;

f) U aktar talli fil-1 t'Ottubru u fil-jiem ta' qabel, f'hinijiet differenti f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew/u stqarrija falza jew/u stqarrija falza jew/u ta taghrif falz billi wahhal pjanca tar-registrazzjoni falza bin-numru EAM982 fuq mutur Honda C70 li l-pjanci originali tieghu kienu inghataw lil Awtorita kompetenti u kien iddikjarat bhala vettura iggaraxxjata;

g) U aktar talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal pjanca tar-registrazzjoni falza bin-numru EAM982 fuq mutur Honda C70 li l-pjanci originali tieghu kienu inghataw lil Awtorita kompetenti u kien iddkjarat bhala vettura iggaraxxjata;

h) U aktar talli fis-7 ta’ Settembru 2005 u fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, xjentament xtara u /jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew, jew xjentament, b’kull mod iehor li jkun iddahhal f’dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihaom, u cioe` mutur Honda C70 liema mutur huwa gej minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

i) U aktar talli fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Settembru 2005, ikkommetta serq ta’ pjanca tar-registrazzjoni bin-numru EAM982 ghad-dannu ta’ l-Awtorita tat-Trasport, Raymond Magri u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravate bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Mifsud akkuzat talli:

Rat n-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali ta’l-1 ta’ Lulju 2010.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fil-jum ta’l-1 ta’ Ottubru 2005 sehh hold up minn gewwa l-Isptar St.James f’Haz Zabbar u dana ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofs in-nhar. Illi dana il-hold up twettaq minn zewg malviventi li wasslu fuq il-post permezz ta’ mutur Yamaha li kellu n-numru ta’ registrazzjoni EAM 982. Dawn kienu mghammda, lebsin balaklava u crash helmet. Wiehed minnhom kien armat. Jirrizulta mix-xhieda ta’ Lara Marie Cassar li kienet xoghol bhala receptionist, illi dawn dahhlu mill-bieb principali ta’l-isptar, marru fuqha fejn wiehed minnhom ipponta il-pistola lejha u talabha il-flus. Il-malvivent l-iehor battal il-kexxun f’investa li kien fih flus kontanti, cekkijiet u xi bank slips. Wara huma telqu ‘il barra, izda kif kienu hergin iltaqghu ma’ Frank Zarb, radiologist li jahdem fl-istess sptar, li kien ghadu kemm hareg mill-isptar u li meta sema’ it-twerzieq ta’ Cassar rega’ lura. Dana irnexxielu jiehu in-numru ta’ registrazzjoni tal-mutur hekk kif il-malviventi harrbu minn fuq il-post fuq l-istess mutur. Illi dawn it-tnejn minn nies ma setghux jidentifikaw lil dawn il-malviventi peress illi kienu maghmda u l-uniku deskrizzjoni li jaghtu taghhom huwa li kienu persuni tas-sess maskili, b’accent Malti u li kellhom statura piuttost kbira. Il-mutur instab abbandunat f’nofs ta’ triq xi kantunieri ‘il boghod mill-pulizija wara is-serqa. Jirrizulta illi dana il-mutur kien insteraq fis-7 ta’ Settembru 2009 minn quddiem il-garaxx ta’ certu Anthony Grima, sid il-mutur. Dana il-mutur ma kellux pjanci ta’ registrazzjoni peress illi kien gie iggaraxxjat.

Illi minn ezami akkurat ta’l-atti processwali jirrizulta illi l-unika prova li torbot lill-imputat ma’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu huwa impronti digitali wiehed li instab fuq il-pjanca ta’ registrazzjoni uzata fuq il-mutur li permezz tieghu il-malviventi wasslu fuq il-post u wara telqu bih. Illi dina l-pjanca ta’ registrazzjoni tappartjeni lill-vettura tal-ghamla Land Rover registrata f’isem Anthony Magri u li giet rappurtata nieqsa minn Raymond Magri fid-19 ta’ Settembru 2005.[1]

---

[1] ara okkorenza esebieta bhala Dokument RC5 a fol.30

Illi fil-kors ta’l-inkjesta magisterjali gie innominat espert tal-impronti digitali Ivan Portelli li ghamel ezami ta’ komparazzjoni bejn l-impronti digitali u palmari ta’l-imputat u xi nies ohra suspettati u l-impronti digitali elevati minn fuq ix-xena ta-reat, kif ukoll minn fuq in-naha ta’ quddiem u ta’ wara tal-pjanca ta’ registrazzjoni EAM 982[2]. Illi fir-rapport tieghu l-espert jikkonkludi illi l-impronti digitali li hemm fuq in-naha ta’ wara tal-pjanca ta’ registrazzjoni immarkata bin-numru 05DCN BY1 li giet dokumentata permezz ta’ ritratt bin-numru 05DCN JH4 mis-*scene of crime officers* li taqbel mas-saba tan-nofs tal-id il-leminija ta’ Michael Mifsud u dana b’14 points of comparison.[3]

Illi fil-kawza Il-Pulizija vs Vincent Calleja (deciza 7 ta’ Marzu 2002 mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali) jinghad:
*“Il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' "matching points" jew "points of comparison" li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-"point of comparison.”*

Imbaghad, ***“L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat.”***

[2] Ara rapporti ta’ PS1253 Frederick Brincat a fol..40 tal-proces verbal u dak tal-PS659 Jeffrey Hughes a fol.47 tal-process u l-istess pjanca ta’ registrazzjoni.
[3] Ara rapport ta’ Ivan Portelli a fol.63 tal-proces verbal Dokument JM

(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta’ Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)

Illi ghalhekk wiehed jistaqsi dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien wiehed mill-malviventi involut fil-hold-up mertu tal-kawza? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta’l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f’mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita’ ta’l-imputat.

Illi jirrizulta illi il-pjanca ta’ registrazzjoni kienet tappartjeni vettura Land Rover. Dina il-pjanca giet irrappurtata nieqsa u jirrizulta illi wara giet imwahhla fuq il-mutur Yamaha, li kien ukoll misruq, li intuza fis-serqa. Illi l-impronti digitali ta’l-imputat li instabet fuq in-naha ta’ wara ta’ dina il-pjanca tista’ forsi twassal lill-Qorti ghal konkluzjoni illi l-imputat kien il-persuna jew li seraq dina il-pjanca jew inkella li wahhalha fuq il-mutur. Izda tali prova fin-nuqqas ta’ korroborazzjoni sufficjenti ma tista’ qatt twassal lil dina l-Qorti ghal konvinciment morali illi l-imputat kien wiehed mill-malviventi illi ikkometta l-imsemmi hold-up. Illi ghalhekk ghalkemm jista’ jezisti ness bejn is-serqa tal-pjanca ta’ registrazzjoni u it-twahhil taghha fuq il-mutur, madanakollu dina ma tistabilixxi l-ebda ness bejn l-imputat u il-hold up in kwistjoni. Illi ma instabu l-ebda oggetti uzati fil-kummissjoni tar-reat ghand l-imputat jew xi parti mir-res furtiva li tista’ tindika l-involviment tieghu. L-imputat min-naha tieghu la jixhed f’dina il-kawza u inoltre fiz-zewg stqarrijiet li huwa jirrilaxxja lill-pulizija jinnega l-involviment tieghu fil-kummissjoni tar-reati li dwarhom jinsab akkuzat. Huwa isostni illi fil-hin tal-kummissjoni tar-reat kien qieghed id-dar.

Illi ghalkemm l-Qorti tista’ ma temminx dak li ighid l-imputat u ghalkemm il-Qorti tista’ tispekula dwar jekk l-imputat kienx involut f’dina il-hold-up, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Illi ukoll l-Qorti tista’ biss tispekula dwar jekk l-

impronti ta’l-imputat li hemm fuq il-pjanca saritx meta insterqet il-pjanca jew inkella meta giet imwahhla fuq il-mutur u ghalhekk jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tas-serqa tal-pjanci jew inkella talli wahhalhom mal-mutur jew inkella tat-tnejn. Illi il-provi li hemm fl-atti ghalhekk ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta’ htija, provi li fil-kamp penali iridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta’l-imputat. Illi fil-verita, madanakollu, fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova ohra li turi illi l-imputat kien prezenti fuq ix-xena tar-reat, li seraq il-pjanci ta’ registrazzjoni EAM 982, li seraq il-mutur Yamaha jew inkella li wahhal il-pjanca misruqa fuq l-istess mutur ghajr ghal impronti digitali wahda li tista tindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma tista’ qatt tkun prova univoka u ma tista’ qatt twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Illi ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------